**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 29/15VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi ġia Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-VAT**

**Illum 5 ta' Diċembru 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX fit-8 ta' Mejju 2015 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal inaqqas kull valur taxxabbli jew taxxa ikkalkulata mill-Kummissarju tat-Taxxi w in oltre jikkanċella fl-intier tagħhom l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A1" sa' Dok. "A3" a fol. 3 sa' 5 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema fl-ewwel lok u in linea preliminari jeċċepixxi li minħabba l-aġir indifferenti, ossia minħabba nuqqas ta' ko-operazzjoni grossolana, da parte tas-soċjetà Rikorrenti, fil-każ in eżami għandhom jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-mertu jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 u jitlob li l-appell jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà Rikorrenti, u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li l-aggravju fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "N" a fol. 18 sa' 44 tal-proċess;

Ra li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal ordna l-inverżjoni tal-provi limitatament għal din l-eċċezzjoni;

Sema' x-xhieda ta' Jonathan Fenech, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2015[1] u x-xhieda ta' Rachel Cordina, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Diċembru 2015[2] u tas-17 ta' Ottubru 2017[3] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RC1" sa' Dok. "RC4" a fol. 60 sa' 71 tal-proċess u Dok. "RC1" a fol. 84 sa' 90 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2019[4] l-istadju tal-provi tas-soċjetà Rikorrenti dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ġie dikjarat magħluq;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi relattivament għall-eċċezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 100 sa' 108 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019[5], l-istadju tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ġie dikjarat magħluq;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' stimi għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13[6] maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi ħlas tas-somma komplessiva ta' €134,460.45 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma komplessiva ta' €33,363.51 rappreżentanti taxxa amministrattiva w imgħaxijiet. Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata b'dawn l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha u interponiet appell minnhom għal quddiem dan it-Tribunal u titlob li l-istess jiġu ikkanċellati stante li kienet daħlet f'diffikultajiet minħabba l-kriżi fil-Libja li kienet l-aqwa suq tagħha bil-konsegwenza li sabet ruħha f'diffikultajiet ta' likwidità u ma setgħetx tħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. B'riżultat ta' dan l-Enemalta qatgħet il-provvista tad-dawl u l-ilma u b'hekk l-*accountants* tagħha ma setgħux jaċċessaw is-*servers* u jieħdu *data* mill-*computers* tagħha u konsegwentement id-denunzji tal-VAT tagħha ma setgħux jiġu aġġornati.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti u fil-mertu jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-istimi jiġu kkonfermati in kwantu l-aggravju fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huwa infondat fil-fatt u fid-dritt. Il-Kummissarju jissolleva eċċezzjoni preliminari wkoll fis-sens li minħabba l-aġir indifferenti, ossia minħabba nuqqas ta' ko-operazzjoni grossolana, da parte tas-soċjetà Rikorrenti, fil-każ in eżami għandhom jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'din is-sentenza ser tiġi trattata biss l-eċċezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi in kwantu l-istess timpinġi fuq xi provi jistgħu jiġu ppreżentati fil-mertu.

---

[1] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[2] Fol. 74 sa' 76 tal-proċess.
[3] Fol. 91 u 92 tal-proċess.
[4] Fol. 98 tal-proċess.
[5] Fol. 110 tal-proċess.
[6] Dok. "A2" u Dok. "A3" a fol. 4 u 5 tal-proċess.

L-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom: Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna li tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja: Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżatezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li apparte n-nuqqas bla skużanti raġonevoli tat-taxpayer li jipprovdi d-dokumenti, dokumentazzjoni u data mitluba mill-Kummissarju, hemm żewġ elementi ċentrali li jridu jiġu kkunsidrati qabel ma dak hemm dispost jsib applikazzjoni fil-prattika u fil-każ in eżami. Dawn l-elementi huma li: (i) il-Kummissarju jrid jitlob għad-dokumenti, dokumentazzjoni u data permezz ta' avviż bil-miktub; u li (ii) it-talba trid issir mill-inqas fiż-żmien ta' sitt snin mit-tmiem tas-sena li d-dokumenti, dokumentazzjoni u data mitluba jkollhom x'jaqsmu magħha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-eżerċizzju ta' *Credit Control* fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.9.13 u 01.10.13-31.12.13 skatta fl-2014. Jirriżulta wkoll li l-Kummissarju tat-Taxxi bagħat lis-soċjetà Rikorrenti erba' avviżi bil-miktub, datati 17 ta' Lulju 2014[7], 30 ta' Settembru 2014[8], 20 ta' Ottubru 2014[9] u 24 ta' Novembru 2014[10], permezz ta' liema talabha tipprovdih bil-kotba tax-xiri li jinkludu l-ispejjeż kapitali u spejjeż oħra għall-perijodi 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13, l-irċevuti u fatturi għall-istess perijodi u l-*financial statements* għas-sena 2013. B'hekk jirriżulta li l-Kummissarju tat-Taxxi talab lis-soċjetà Rikorrenti għad-dokumenti, dokumentazzjoni u data relattiva għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 bil-miktub u entro t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodi ta' taxxa in kwistjoni.

It-Tribunal josserva illi tlieta minn dawn l-erba' avviżi għas-sottomissjoni tad-dokumenti, dokumentazzjoni u data għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 tħallew fil-*letter box* fl-indirizz mogħti mis-soċjetà Rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bħala *mailing address*, ossia KW38, Qasam Industrijali Kordin, Paola, mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud peress li sabu l-post magħluq. Huwa jqis li dawn in-notifiki mhux neċessarjament jissodisfaw il-vot tal-Liġi, kemm a Tenur tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll a tenur tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-fini ta' notifika valida għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi. Detto ciò però avviż minnhom, ossia l-avviż datat 30 ta' Settembru 2014,

[7] Fol. 60 tal-proċess.
[8] Fol. 64 tal-proċess.
[9] Fol. 66 tal-proċess.
[10] Fol. 70 tal-proċess,

ġie validament notifikat lis-soċjetà Rikorrenti iżda din naqset milli tissottometti d-dokumentazzjoni, dokumenti u data mitluba minnha.

Mill-atti proċesswali, senjatament mid-dokumenti esebiti a fol. 64 u 65 tal-proċess, u mix-xhieda ta' Rachel Cordina[11], waħda mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkarigati mill-eżerċizzju ta' *Credit Control* fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, jirriżulta li l-avviż datat 30 ta' Settembru 2014 ġie notifikat lil Louis Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 870552(M), fl-1 ta' Ottubru 2014. Dan Louis Farrugia jirriżulta li huwa wieħed mid-Diretturi tas-soċjetà Rikorrenti kif ukoll rappreżentat ġuridiku ta' l-istess[12]. A tenur ta' l-Artikolu 66(1) u (3)(ċ) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Kull segretarju, manager, direttur, stralċarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor skond il-każ* u (2) *Avviż li jiġi notifikat lil rappreżentant jew ħlas lura li jsir lil rappreżentant fil-kariga tiegħu ta' rappreżentant taħt kull dispożizzjoni ta' dan l-Att għandhom jitqiesu bħala notifikat jew magħmul lill-persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha.*

Meta dak dispost fl-imsemmija provvedimenti tal-Liġi jiġi applikat għall-fatti li jirriżultaw mill-provi prodotti u mill-atti proċesswali fil-każ in eżami jirriżulta ferm evidenti li n-notifika ta' l-avviż tat-30 ta' Settembru 2014 f'idejn Louis Farrugia tikkostitwixxi notifika valida ta' dak l-avviż lis-soċjetà Rikorrenti. Dan ifisser għalhekk li minn dakinhar tan-notifika - ossia l-1 ta' Ottubru 2014 - beda jiddekorri terminu ta' tletin ġuranta entro liema s-soċjetà Rikorrenti kellha tissottometti d-dokumenti, dokumentazzjoni u data minnha mitluba relattivament għall-perijodi ta' taxxa 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13, terminu però li ddekorra inutilment peress illi dawn id-dokumenti, dokumentazzjoni u data baqgħu ma ġewx sottomessi mill-imsemmija soċjetà.

Għalkemm l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta - senjatament fl-ewwel *proviso* - jagħti lit-*taxpayer* l-opportunità li jiġġustifika, permezz ta' skużanti raġonevoli, in-nuqqas tiegħu li jissottometti d-dokumenti, dokumentazzjoni u data lilu mitluba mill-Kummissarju, is-soċjetà Rikorrenti dan ma għamlitux. In effetti hija ma ġġustifikatx in-nuqqas tagħha li tipprovdi d-dokumenti, dokumentazzjoni u data lilha mitluba, la lill-Kummissarju tat-Taxxi u lanqas lit-Tribunal waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri. Di fatti mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar li minkejja li is-soċjetà Rikorrenti ngħatat diversi opportunitajiet mit-Tribunal biex tressaq provi in ġustifikazzjoni tan-nuqqas tagħha li tipprovdi d-dokumentazzjoni, dokumenti u data lilha mitluba mill-Kummissarju, hija ripetutament naqset milli tagħmel dan tant illi fl-aħħar it-Tribunal ma kellux alternattiva oħra għajr li jiddikjara l-istadju tal-provi tas-soċjetà Rikorrenti referibilment għall-eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, magħluqa.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, ossia li s-soċjetà Rikorrenti ntalbet, permezz ta' avviż bil-miktub mibgħut entro t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodi ta' taxxa in kwistjoni u li ġie lilha debitament notifikat, tissottometti l-kotba tax-xiri li jinkludu l-ispejjeż

[11] Vide xhieda mogħtija wawt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2015, fol. 74 sa' 76 tal-proċess.
[12] Vide dokument a fol. 19 tal-proċess.

kapitali u spejjeż oħra għall-perijodi 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13, l-irċevuti u fatturi għall-istess perijodi u l-*financial statements* għas-sena 2013, u hija naqset, mingħajr skużanti raġonevoli, milli tipprovdi d-dokumenti, dokumentazzjoni u data lilha hekk mitluba, it-Tribunal iqis li l-provvedimenti ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jsibu applikazzjoni fil-każ in eżami u konsegwentement l-istess soċjetà hija prekluża milli tissottometti u tippreżenta dawn id-dokumenti, dokumentazzjoni u data quddiem dan it-Tribunal tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u jiddikjara li s-soċjetà Rikorrenti hija prekluża milli fl-istadju fejn se jiġi trattat l-appel fil-mertu tissottometti u tesebixxi l-kotba tax-xiri li jinkludu l-ispejjeż kapitali u spejjeż oħra għall-perijodi 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13, l-irċevuti u fatturi għall-istess perijodi u l-*financial statements* għas-sena 2013 minnha mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' l-avviż datat 30 ta' Settembru 2014.

It-Tribunal jirriserva li jiddeċiedi dwar il-kap ta' l-ispejjeż fis-sentenza finali dwar il-mertu.

A tenur tal-Partita 2(4) tal-Partita Disa' tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**